IT-TNEJN, 20 TA' JANNAR – IS-SIBT, 29 TA' FRAR 9.30am – 2.00pm

1950's Love
Wirja ta' pittura mill-artisti tal-"Bejta Artisan Gallery", bit-tema tal-imħabba, se tiġi organizzata b'enfasi lejn is-snin 50. Din l-esibizzjoni se tkun magħluqa l-Ħadd. **Dħul b'xejn.**
Bejta Artisan Gallery, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia, Victoria.

IS-SIBTIJIET U L-ĦDUD 1, 2, 8, 9, 15 U 16 TA' FRAR 10.00am – 6.00pm

Valentine's Artisan Fair
Ippassiġġa fil-Ġonna ta' Villa Rundle u gawdi mill-għażla ta' artiġjanat għall-bejgħ, u xogħolijiet maħdumin bl-idejn. Dan kollu juri l-ħila u l-entużjażmu tal-artiġjani Għawdxin. Se jkun hemm ukoll għażla ta' rigali uniċi. **Dħul b'xejn.**
Ġonna Villa Rundle, Victoria.

IS-SIBTIJIET 1, 8 U 15 TA' FRAR 10.30am – 12.30pm

L-Imħabba fl-Arti
Se jiġi organizzat teatru fil-beraħ mill-"Gozo Creative Theatre Club" li se jesebixxi l-arti fil-ġeneri kollha tagħha. **Dħul b'xejn.**
Pjazza San Ġorġ, Victoria.

IL-ĠIMGĦA, 7 TA' FRAR 7.00pm

Celebrate Love
Festival ta' arti, ikel u xorb għal din l-okkażjoni speċjali. **Dħul b'xejn.**
Pjazza Żjara tal-Madonna, l-Għarb.

IL-ĠIMGĦA, 7 – L-ERBGĦA, 12 TA' FRAR

Lovers' Cards
8.00am – 3.00pm (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) | 8.00am – 11.00am (is-Sibt)
Wirja mill-"Gozo Philatelic Society" li tikkonsisti f'ittri ta' mħabba li għandhom 'il fuq minn 100 sena u li għaddew bejn suldati mgħawmin fl-imħabba mill-kamp tal-battalja lejn il-maħbubin tagħhom. **Dħul b'xejn.**
Sala tal-Kunsill Lokali, Sannat.

IL-ĠIMGĦA, 7 – IT-TNEJN, 24 TA' FRAR

Vivid Victoria on Canvas
8.00am – 2.30pm (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) | 9.00am – 12.00pm (is-Sibt)
M'hemm ebda dubju li l-eku tal-Belt Victoria jirbombja ma' kullimkien. Id-dehriet u l-ħsejjes ta' Beltna mar-ritmu meqjus tal-ħajja żgur li jaffaxxinaw lil kulħadd. Il-pittura marbuta mal-Milied bl-ilwien sbieħ tagħha għandha tiġbed l-għajn. L-istess huma l-pitturi fuq it-tila dwar il-Belt Victoria. L-ispirazzjoni artistika toħloq idjoma u emozzjoni fil-qlub ta' min japprezza l-arti.
Penny Foster se ddaħħal f'qoxrithom lil kull min iżur din il-wirja b'tiżwiqa ta' lwien, u kif hija tħares lejn dil-għira, id-dar tagħha. **Dħul b'xejn.**
Banca Giuratale, Victoria.

IS-SIBT, 8 TA' FRAR 10.00am – 1.00pm

Captured Love (The Gozo Film Festival)
Il-"Gozo Film Festival" se jippreżenta żewġ films qosra; "Losin' you" u "Dar ir-Rummien". Dawn se jintwerew fl-10.00 am, fil-11.00 am u f'nofsinhar. "Dar ir-Rummien" hija ambjentata fil-għira ta' Għawdex bi storja li turi l-imħabba ġenwina, u kif din għaddiet minn ġenerazzjoni għal oħra. "Losin' you" hija ġrajja dwar mużiċista żagħżugħa li titniehed għat-telfa tat-Tieqa tad-Dwejra. Din l-ispirazzjoni mqanqla tagħha twassalha f'mumenti nostalġiċi, u saħansitra tagħtiha l-qawwa biex toħloq kantaliena. **Dħul b'xejn.**
Citadel Theatre Hall, Citadel Cultural Centre, Victoria.

IS-SIBT, 8 TA' FRAR 5.00pm

Love is Love
LGBTIQ Gozo tixtieq tistieden lill-pubbliku għal erba' ġrajjiet li jikkundizzjunaw imħabba eċċentrika. Ġewwa Villa Rundle ara li tosserva u ssegwi d-direzzjonijiet tas-sinjali tal-LGBTIQ. **Dħul b'xejn.**
L-Anfiteatru ta' Villa Rundle, Victoria.

IS-SIBT, 8 TA' FRAR 7.30pm

Strauss Composer & Conductor
Raoul Lay se jmexxi l-"Malta Philarmonic Orchesta" f'kunċert. Se jippreżenta żewġ kapolavuri tal-bidu tas-seklu 20. Is-sinfonija ta' Richard Strauss "Sinfonia Domestica" hija waħda simbolika marbuta maċ-ċikli tal-ħajja. Anna Gockel se tisiġilla bħala Jean Sibellus, fl-ewwel xogħol astratt tiegħu "Violin Concerto".
Biex tibbukkja l-biljetti mur fuq is-sit: www.showshappening.com/MPO/Strauss-Composer-and-Conductor
Teatru Astra, Victoria.

IS-SIBT, 8 U L-ĦADD, 9 TA' FRAR

Grazzi Dun Ġorġ - Mużikal
Is-Sibt 7.30pm | Il-Ħadd 2.30pm
Mużikal b'tislima lejn Mons. Ġorġ Grima, fundatur ta' "Ġesù fil-Proxxmu" għall-imħabba profonda li kellu biex jgħin lil dawk l-isfortunati tat-tielet dinja. Ibbukkja l-biljetti billi ċċempel fuq 2155 6453 jew tmorru sal-Uffiċċju tal-"Moviment Ġesù fil-Proxxmu", fiċ-ċentru tal-Belt Victoria.
Oratorju Don Bosco, Victoria.

IL-ĦADD, 9 TA' FRAR

Drive-In Movie Night
6.00pm – The Little Mermaid (PG) | 8.00pm – Mamma Mia! (PG13)
M'hemm xejn isbaħ milli tara film għal qalbek. Gawdi l-Ħadd filgħaxija billi tara film mill-kumdità tal-karozza. Il-films klassiċi bit-tema tal-imħabba huma tajbin għal kulħadd, b'mod speċjali fil-festa ta' San Valentino. It-tfal għandhom ukoll isibu l-għors tagħhom jaraw il-cartoons. Il-kbar għandhom iħossuhom emozzjonati jaraw l-istorja ta' għarusa tfittex lil veru missierha, kif irrakkontata permezz tal-kanzunetti tal-ABBA. **Dħul b'xejn.**
Leli Farrugia Football Ground (ħdejn il-Car Park), Victoria.

IT-TNEJN, 10 TA' FRAR 5.30pm

Autism-friendly Cinema Screening of Aladdin
Verżjoni *sensory-friendly* tal-film Aladdin se tintwera fis-"Citadel Cinema". Din il-verżjoni se tkun immirata għall-familji u nies ta' kull età. Is-sala taċ-ċinema se tkun issettjata apposta bid-dwal u ħsejjes baxxi biex inaqqsu l-istress, kif ukoll se jkun hemm libertà ta' moviment.
Dħul b'xejn imma li tirriserva post hu rakkomandabbli. Ikkuntattjaw fuq: ministryforgozo@gov.mt jew 2210 0100.
Citadel Cinema, Victoria.

IL-ĠIMGĦA, 14 TA' FRAR 5.30pm

Little Women - Movie Screening for Senior Citizens
L-erbat aħwa bniet March se jkunu lura fuq l-iskrin il-kbir permezz ta' *remake* ta' Little Women. Il-film maħruġ fl-2019 se jintwera b'mod speċjali għall-anzjani.
Dħul b'xejn imma li tirriserva post hu rakkomandabbli. Ikkuntattjaw fuq: ministryforgozo@gov.mt jew 2210 0100.
Oratorju Don Bosco, Victoria.

IS-SIBT, 15 TA' FRAR 9.30pm

Għawdex #inħobbok Concert
It-2 Edizzjoni tal-Kunċert Għawdex #inħobbok li bħas-snin preċedenti se jiddeverti l-pubbliku b'mużika allegra. F'din il-lejla spettakolari, jipparteċipaw Cash & Band, Versatile Brass Band, Ivan Grech & Friends, u bosta artisti u DJs lokali oħra.
Dħul b'xejn.
Pjazza Indipendenza, Victoria.

IL-ĦADD, 16 TA' FRAR 5.30pm

Retro Cinema
It-Teatru tal-Opra Aurora se jerġa' jiftaħ il-bibien tiegħu bħala ċinema. Matul is-snin bikrin tal-operat tiegħu, it-Teatru tal-Opra Aurora kien il-post fejn tmur jekk kont ammiratur tal-films. Għal din is-sena r-Retro Cinema se jkun lura magħna billi se jintwera l-mużikal klassiku "Grease" (1978) fejn fih jidhru John Travolta u Olivia Newton-John.
Dħul b'xejn.
Teatru Aurora, Victoria.